MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

Id-Disa' Leġislatura

Laqgħa Numru Ħamsa u Tletin (35)

24 ta' Settembru 2026

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq It-Tiġrija. Il-laqgħa tal-kunsill bdiet fil-17.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Victor Curmi- Sindku

Dr. Christian Zammit - Kunsillier

Dr Francienne Muscat- Kunsilliera

Marion Rita Portelli- Kunsilliera

Dr Kevin Cutajar- Kunsillier

Leanne Micallef- Kunsilliera

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

Aaron Agius – Viċi Sindku

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

35.1 Talba

Intqagħlet talba tal-bidu flimkien. Is-Sindku s-Sur Victor Curmi ippresieda l-laqgħa.

35.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Il-Membri kollha kienu preżenti.

35.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 34 (part 1 u 2) u Skeda ta' Pagamenti 9;

Il-minuti tal-Laqgħa Nru 34 (part 1 u 2) kif ukoll l-Iskeda ta' pagamenti No 9 ġew iċċirkulati minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

Dr. Kevin Cutajar ressaq talba għal emenda f'Mozzjoni numru 6 f'paġna 3 kif ukoll emenda f'Mozzjoni numru 10, f'paġna 8 liema emendi ġew approvati. Il-minuti kif ukoll l-iskeda ta' pagamenti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Għal daqstant dawn huma meqjusa bħala dokumenti uffiċċjali.

35.4 Komunikazzjoni tas-Sindku u tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

Is-Sindku Victor Curmi informa lill-membri dwar:

- Ċentru Ċiviku – Ix-xogħol mixi, qed isiru l-marki fejn se jsir il-lavur u jkompli jagħlaq l-ewwel sular ta' mat-triq.
- Proġett tal-Qaċċa – Same status
- Proġett tal-Playingfield – qed nistennew li nirċievu 50% mill-fondi kif huwa stipulat fil-Kuntratt.
- Proġett tisbieħ ta' Ġnien il-Mitħna – Talba ta' Varjazzjoni ġiet approvata mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u x-xogħol se jkun jista jkompli.
- Trejqet Ġorġ Ċini – Is-Sindku tkellem mal-WSC u x-xogħolijiet tas-servizzi ser jieħdu ħsiebhom. Għalhekk nistgħu nkomplu bil-ħruġ tat-tender.
- Proġett Sqaq tal-Mitħna – L-applikazzjoni għall-fondi tad-DPF se ssir b'kollaborazzjon tar-Reġjun.
- Resurfacing of 2Km – Same status
- Proġett Calypso – Same status
- Culvert ta' Triq il-Knisja
- Is-Seg. Eżekuttiv ippreżentat ir-rapport ta' Evalwazzjoni – *Reinstatement, using environmentally friendly materials and practices of water culvert at Għajn Xejba Xagħra, for the Xagħra (Gozo) Local Council (TXLC/02/2026).* Dan ir-rapport qed jirrakkomanda li l-offerta tingħata lil Fifteen65 għas-somma ta' €13,973,04 (vat eskluż), peress li hija dik offerta compliant u l-aktar vantaġġjuża. Il-Kunsill approva dan ir-rapport ta' evalwazzjoni.
- Phone Box tal-Pjazza – Same Status

* Fil-laqgha precedenti, il-Kunsill qabel li l-speed hump ta' Triq Mannar terga' sar qabel l-isqaq meta wieted sejjer fid-direzzjoni tal-kniesja. Dr. Cutajar gab ghall-attenzjoni tal-Kunsill li fl-ahhar legislatura l-Kunsill kien awtorizza fuq talba u bi qbil mar-residenti li dan l-speed hump ticcaqlaq ghal wara l-isqaq dejjem fid-direzzjoni tal-kniesja. Is-sit ssaggenxxa l-istandna mar-residenti qabel ma nippiccjaw bien i kollna l-kunsens tar-residenti tal-Mannar. Kien hemm qbil dwar dan.

- Proġett tal-wiring tal-Pjazza – Same Status
- Traffic Management – Triq Gorf – Intbgħat kollox lil Transport Malta għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Is-Sindku Victor Curmi semma li ltaqa' ma rapreżentant ta' TM u spjegalhom ir-rotta tal-bus route kif kien ipproponiha l-Kunsill. Ġew ippreżentati l-Pjanti sew dawk eżistenti u dawk proposti kif ippreparhom il-Perit Edward Scerri. Dr. Kevin Cutajar semma li hu bagħat ritratt ta' kif kienet l-street hump fi Triq Mannar għaliex ma kienx infurmat li l-Kunsill ta' qabel kien awtorizza li tiċċaqlaq u għaldaqstant qed jgħaddi din l-informazzjoni lill-Kunsill. Is-Sindku Victor Curmi semma li kif qbilna kollha ma tiġix fuq wara l-isqaq imma wara li ssir konsultazzjoni man-nies ta' hemm, din għandha ssir kif qed tidher fuq Google maps.
- Xogħol ta' resurfacing ta' Triq il-Knisja u Triq it-Tiġrija – Bħalissa x-xogħol ta' Triq il-Knisja waqaf, u qed isir xogħol tal-ilma fuq iż-żewġ naħat ta' Triq it-Tiġrija. Kif jitlesta l-ilma jitqaxxru ż-żewġ toroq u jingħataw il-wiċċ.
- Dwar Sqaq in-Nenus, la ma kellniex risposta mill-MFG, fakkar li kien hemm qbil li jsir mill-fondi tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.
- Triq Ġiużeppi Bajada u Liberat Grech - t-talba mill-Kunsill lill-MFG reġat intbgħatet pero' għadna bla risposta.
- Tindif tat-toroq fiż-żona tan-Nazzarenu għaddej u jkun lesta sal-festa.
- Triq Karkar – Mexjin kif kien maqbul – qed isir il-patching bis-siment biex jinqata t-trab. Risposta mil-MFG għad ma għandniex.
- Sqaq Lablab – intbgħatet lil Transport Malta u għadna nistennew risposta.
- Triq Garaffa – Se jkompli bil pressjoni mal-awtoritajiet – għalkemm tneħħew xi ftit minnhom, baqa ħafna x'jitneħħa.
- Semma li ġie nnotat żball żgħir fil-Pjanta oriġinali li għamel il-Perit Edward Scerri dwar Triq Sruġ. Bi żball, l-pjanta qed turi t-triq kollha bħala one-way meta filfatt, il-biċċa ż-żgħira biss kellha ssir one-way kif kien maqbul mill-Kunsill. Għalhekk il-Perit Edward Scerri se jkun qed jirrevedi l-pjanta.
- Semma li rċivejna imejl mingħand residenta dwar ir-roundabout ta' Triq il-Knisja.u d-diffikultajiet li qed isibu. Din ir-residenta spjegat li kif inhi issa hi u residenti oħrajn qed ikollhom diffikultajiet sabiex jdaħħlu u joħorġu l-vettura tagħkom mil-garaxx. Min naħa ta' TM talbu lill-Perit sabiex jerġa jirrevedi l-Pjanta u jieħu in konsiderazzjoni l-garaxxijiet. Dan sabiex terġa tiġi evalwata minn TM.
- Proġett Playingfield fi Triq Sruġ – Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali għal tibdil mitlub. Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet l-importanza li naħdmu fuq dan il-proġett minħabba li dan irid jitlesta sal-aħħar ta' Diċembru 2027. Il-Kunsill se jkun qed jaħdem mal-Perit Edward Scerri, Lands Authority u PA sabiex il-Kunsill ikun jista jiskatta l-proċess bis-sejħa għall-offerti.

- Is-Sindku Victor Curmi nforma lill-membri dwar l-entertainment ta' Fig Festival 2027. Cash ma jistax jattendi għal dik is-serata u qed joffri li minflok jattendi t-tifel tiegħu flimkien ma pjanista. Kien hemm qbil dwar dan. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ukoll stima għal servizz ta' Kurt Calleja & the Band. Kien hemm qbil li nimxu bl-option – Our Party Band għal prezz ta' €4000 plus VAT.

- Disabled parking fi Triq 28ta' April – Is-Sindku Victor Curmi semma li kif jaqblu l-membri kollha, din qatt ma kienet approvata mill-Kunsill u hemm rabja kbira mir-residenti għaliex dawn kienu l-uniku żewġ parkings. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li din hija approvata minn TM. Infurmat lill-membri li daħal appell formali minn resident lill-Awtoritajiet konċernati. Dr. Francienne Muscat u Dr. K Cutajar ssuġġerew li niċċekkjaw min filfatt żebgħaha. Il-Kunsilliera Marion Portelli semmiet li din inżebħet quddiem residenza li mhux tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba ta' resident sabiex jitnaqqsu l-linji sofor sabiex toqgħod karozza pero' s-Sindku semma li jekk jiġri hekk, ta' faċċata ma jkunx jista joħroġ. Tkompliet id-diskussjoni u ġie maqbul li b'xi mod li l-Kunsill għandu jissottometti talba sabiex din il-kaxxa tiġi kkunsidrata li timxi għal post ieħor. Il-Kunsillier Kevin Cutajar semma sitwazzjoni simili fi Triq Ġnien Imrik, li ġiet diskussa fil-laqgħa tal-Pulizija. Is-Sindku Victor Curmi semma li dik kienet approvata.

- Informa lill-membri li reġa ltaqa mal-Pulizija u LESA u għadhom tal-opinjoni li jitpoġġew is-signs fil-Pjazza għaliex minkejja li jkun hemm vetturi pparkjati barra ma għandhomx fil-vesti tagħhom dritt li jħarrku ġaladarba ma hemmx Signs. Kif ukoll importanti li s-signs jkunu fejn jidru. Is-Sindku Victor Curmi nforma lill-membri li ktibna lill-Ministeru għall-Intern u Sigurta'. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra li ntbgħatet.

- Infurma lill-membri li s-Surmast il-ġdid tal-Iskola se jkun qed jinfurmana b'data biex jiltaqa' magħna. Il-Kunsilliera Dr. Muscat u Leanne Micallef qalu li jixtiequ li jkunu nfurmati ħalli jattendu wkoll.

<u>Mistoqsijiet mill-Kunsilliera Dr. Francienne Muscat dwar:</u>

- Punti li għalihom diġà ndirizza s-Sindku Victor Curmi – Triq Karkar, Bandli, Ċentru Ċiviku, Lablab area, Triq il-Knisja, Telephone Box, Proġett tal-wires u trinek fil-pjazza, Calypso, Resurfacing ta' 2km minn MGOZ, Proġett tad-daħla tax-Xagħra, Water Culvert fi Triq il-Knisja, Proġett Mitħna, Sqaq in-Nenus, Triq Pergola, Triq Liberat Grech.

- Traffic Management fi Triq Marsalforn – Is-Segretarju Eżekuttiv kienet bagħtet kopja tal-pjanti lil Dr. Muscat, hekk kif ġew ippreparati mill-Perit tal-Kunsill. Is-SE infurmat lil Dr. Muscat li dawn il-pjanti ma humiex approvati minn Transport Malta. TM kienu talbu għal diversi emendi, li għadhom ma tlestewx mill-Perit tal-Kunsill, però s-sinjali sofor li saru huma kollha approvati minn TM. Is-Sindku Victor Curmi ssuġġerixxa li ġaladarba b'li sar, jidher li mexjin, jkun aħjar jekk għalissa nistennew sakemm it-triq ta' Marsalforn tkun lesta kollha u nerġgħu narawha dak in-nhar. Kien hemm qbil li sakemm ma jkunx hemm ilmenti, nħallu ftit u nerġgħu nirrivedu dan. Is-Sindku Victor Curmi semma l-bżonn li jsir Traffic Management għal Triq Stellini minħabba li hemm blind corner kerha ħafna u jiġi evitat il-periklu. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

- Follow up Meeting MGOZ – Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li tinsab f'komunikazzjoni mal-Ministeru, nbgħatet l-agenda u qed tistenna li tingħata data.
- BCRS – Triq it-Tafla – Infurmat lill-membri li għadna nistennew l-approvazzjoni ta' devoluzzjoni mill-Awtoritajiet tal-Artijiet.
- Masterplan għar-Ramla – Ma għandiex tweġiba mill-MFG.
- Lids għall-Bins tar-Ramla – Ma jaqawx fir-responsabbilta' tal-Kunsill pero' ntbgħatet it-talba lill-MFG fit-22ta' Lulju 2027.

Mistoqsijiet mill-Kunsilliera Leanne Micallef:

Punti li diġà ndirizza s-Sindku Victor Curmi – Triq Gorf.

- Autumn Fest Application – Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-applikazzjoni tal-Kunsill ma ġietx approvata minħabba li ntbagħtet tard. Il-Kunsilliera Leanne Micallef offriet li tgħin bħal ma ġara s-sena l-oħra. Kien hemm qbil li l-attivita' ssir u tiġi ffinanzjata mill-fondi tal-Kunsill.
- Carnival meeting – Il-Kunsilliera semmiet li tkellmet ftit ma dawk involuti u jiltaqgħu wara l-festa tan-Nazzarenu. Ġie diskuss ukoll li mhux ġust li din is-sena ma aħniex se nikkwalifikaw għall-fondi mill-MFG minħabba li se jkun qed isir fid-dati li fihom jkun qed isir ukoll ir-Rabat, pero' huwa diffiċli ssib ġranet oħra.
- Il-Kunsilliera Leanne Micallef infurmat lill-membri li l-iskola diġà ħasbu għall-mascot u se jkun qed isir min naħa tagħhom.

Mistoqsijiet mill-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar:

Dr. Cutajar staqsa dwar il-problema li hemm fil-proġett tal-ġnien tal-Mitħna. Is-Sindku Victor Curmi fakkar li kif kien ġie diskuss, r-resident oġezzjona minħabba li qed jgħid li l-ħajt huwa tiegħu. Il-Kunsill mingħajr preġudizzju se jkun qed jerġa jibni l-ħajt kif kien mingħajr ma qed jagħti xi dritt lil dan ir-resident li qed jgħid li l-ħajt huwa tiegħu.

Mistoqsijiet mill-Kunsilliera Marion Portelli:

Punti li diġà ndirizza s-Sindku Victor Curmi – Triq Gorf, Belveder tal-Qaċċa, Trejqet Ġorġ Ċini, Karnival, Parking tal-Pjazza u Disabled parking fi triq 28ta' April.

- Staqsiet jekk hux se jerġgħu isiru l-korsijiet tal-aerobics. Ssuġġeriet li minħabba li l-attendenza kienet batuta matul ix-xahar ta' Ġunju, minflok, jibdew minn Novembru sa Mejju. Kien hemm qbil li noħorġu sejħa ta' Interess għall-Instructors li joffru xi tip ta' Fitness Classes.
- Ssuġġeriet li jsir kors qasir ta' ħjata bażika, 4 lezzjonijiet li jsiru f' Novembru jew Frar. Kien hemm qbil li noħorġu sejħa ta' Interess għall-Instructors.
- Semmiet li fuq talba tan-nies issir ħarġa għal Malta fix-xahar ta' Diċembru jew xi weekend break. Is-Sindku Victor Curmi qal li jaqbel però l-prezzijiet għadhom għoljin. Kien hemm qbil li naraw xi prezzijiet joffru u terġa tiġi diskussa.

35.5 Audited Financial Statements 2025:

Kopja tal-Audited FS 2025 ġew ċirkulati lill-membri minn qabel u s-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill għas-sena 2025 għalqet b'bilanċ pożittiv. Is-sena 2024 għalqet b'defisit ta' €70,000 u s-sena 2025 għalqet b'surplus ta' €29,000. Is-Sindku Victor Curmi qal li dan grazzi għax-xogħol tas-Segretarju Eżekuttiv li ħadmet sabiex ingħalqu proġetti u setgħu jinġabru l-fondi li ilhom ġejjin minn snin imgħoddija. Il-Kunsill irringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv tal-ħidma tagħha.

35.6 Attivitajiet Kulturali:

Fig Festival 2027 – Il-bands ġew diskussi aktar kmieni f'din il-laqgħa (punt 35.4)

Autumn Fest 2026 – Ġie diskuss aktar kmieni f'din il-laqgħa.

Attivita' tal-Milied 2026 – Din is-sena se jkun ftit differenti mis-soltu, b'parade minn Team Netta li jitlaq minn Triq 8ta' Settembru u performance fil-Pjazza. Is-Sindku Victor Curmi ssuġġerixxa li jsir ix-Xagħra Song Festival fil-Pjazza, ssir t-tinda l-kbira fil-Pjazza u nerġgħu nintroduċu l-festival li kien isir snin ilu fil-każin tal-Banda. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Se jkun festival miftuħ għat-tfal kollha u l-attivita' ser tibda fil-17.00pm b'parade, u festival filwaqt li l-Pjazza tkun imżejna bl-stalls tal-Milied. Ġie maqbul ukoll li nqabbdu lil xi persuna kompetenti sabiex tieħu ħsieb l-ippjanar tal-kant u l-kompetizzjoni.

35.7 Bye-Law – Bajja tar-Ramla l-Ħamra

Ġew diskussi l-emendi skont kif ġejna mitluba minn Dr. Mariella Silvio mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

L-ewwel punt dwar klawsola numru 4.1, kien hemm qbil li persuna li tkun kisret il-kundizzjonijiet, din għandha tiġi trattata bħala persuna li tkun kisret il-kundizzjonijiet, u mhux qisha persuna li ma kellix permess.

Dr. Kevin Cutajar semma li la l-konfini tal-Kunsill jaslu sar-ramel, l-avvenimenti li jistgħu jsiru huma restritti.

Attivitajiet li jridu jiġu nklużi:

Filming Kummerċjali – 250e/hr

Filmat privat – 10e/hr

Riċeviment (l-Ikel jingħab lest kemm jitqassam u mhux jissajjar hemm)

Sa massimu ta' 50ruħ – 50e

Minn 50ruħ il-fuq – 200e

Attivitajiet edukattivi u/jew sportivi – Permess b'xejn jew minimu ta' 5e

35.8 Qari tal-Korrispondenza u lmenti mir-residenti;

- Is-sejħa għal Administrative Officer I ħarġet internament, irċivejna applikazzjoni waħda li ma kienitx eliġibbli u allura mxiet għat-tieni stadju fejn issa l-Job Plus jipprovdu lista ta' persuni eliġibbli li jkunu jistgħu japplikaw. Għalhekk din is-sejħa bħalissa tinsab mixja.

- Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-Kunsill għandu nuqqas kbir ta' riżorsa umana u ġew diskussi diversi punti. Fuq proposta tas-Sindku Victor Curmi li ġiet sekondata mill-Kunsilliera Dr. Francienne Muscat, il-Kunsill qabel unanimament li għandu jibda l-proċess sabiex jiġi ngaġġat uffiċċjal Klerikali fuq bażi full-time. Għalhekk ġiet ippreparata u ffirmata riżoluzzjoni b'numru ta' referenza 08-26 sabiex il-proċess għal dan l-ingaġġ jkun jista jibda immedjatament.

- Stedina għal Carmigniano – Fico Secco 2026 mis-16 st-18ta' Ottubru 2026

- Talba ta' Kollaborazzjoni mir-Rettur Knisja San Pawl sabiex tittella attivita' biex tfakkar it-tmiem tas-sajf u bidu tas-sena skolastika. Il-Kunsill qabel li jikkollabora sa massimu ta' €200.

- Petizzjoni mir-residenti fi sqaq c/o Triq it-Tiġrija – Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha tintbgħat lil TM.

- Ġiet ippreżentata s-site plan li tindika fejn iridu jitpoġġew s-street poles u stop Signs fi Vjal 8 ta' Settembru. Din il-pjanta ġiet ippreparata minn TM fuq talba tal-pulizija u LESA. Ġie spjegat illi l-pulizija qalulna li dawn huma bżonn sabiex jiġi kkontrollat it-traffiku u allura l-Kunsill ma jistax iżomm milli dawn isiru. Il-postijiet ta' fejn se jeħlu ġew identifikati mill-Pulizija u filfatt kienu mmarkati diġà fuq is-site plans ippreżentati. Il-membri ħadu nota ta' dan u se nkunu qed niċċekkjaw ma TM sabiex naraw min se jieħu ħsieb biex jagħmilhom.

- Talba għal sinjali sofor fi Triq Giuzeppi Grech – Għandu l-approvazzjoni ta' sid faċċata u allura t-talba se tintbgħat lil TM.

- Applikajna għall-fondi Ewropew (town Twinning - Cerv) – Roots of the Vine

- Dwar it-talba tal-Cats Zebra Crossing – TM qed titlob għal pjanta teknika tal-Perit. Il-membri talbu sabiex terġa tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

- Tweġiba minn TukTuk fejn qed titlob lill-Kunsill jipprovdi evidenza. Dr. Muscat se tkun qed twieġeb għal din l-imejl lill-Tuk Tuk.

- Se ssir Ramla Clean up day ir-Ramla mill-Aquatic Resources Malta fit-2ta' Ottubru u qed jistiednu lill-Kunsill sabiex jikkollabora f'din l-attivita'. Ħin mid-9.00 sal-12.00

- Tweġiba mis-Sinjur Bjorn Sandnes sabiex itella kunċert fix-Xagħra fejn qed jissuġġerixxi d-dati ta' bejn 5 sal-11ta' Lulju 2027. Kien hemm qbil li nipproponu d-data tal-11ta' Lulju 2027 jew is-7ta' Lulju 2027.

- Talba mill-Għaqda Milied fix-Xagħra għall-kollobarozzjoni sabiex jittella l-programm tal-Milied 2026. Kien hemm qbil li nikkolaboraw bħas-sena l-imgħoddija.

- Skema tal-AKL dwar iż-żejt użat. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

- Ittra ta' residenta dwar it-traffiku fi Triq Parisot speċjalment fi żmien il-festa. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

- Triq Mikelanġ Pace ingħatat l-isem u r-residenti ġew notifikati b'dan.

- Talba għal-sinjali sofor minn residenta fi Triq 28ta' April u għandha l-approvazzjoni ta' sid il-propjeta. It-talba se tintbgħat lil Transport Malta.

- Tikka Tikka – L-Kunsill qabel li jipparteċipa f'din l-attivita'.

35.9 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-19.45pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2026 fis-17.30pm.

Konfermati illum il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2026

IFFIRMATA

Victor Curmi
Sindku

IFFIRMATA

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv